MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2004

Numru 8/2004

**Ir-Repubblika ta Malta**
**Vs**
**Joseph Borg**
**John Sultana**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 8 tas-sena 2004 kontra l-akkuzati Joseph Borg u John Sultana, li bih huma gew akkuzati talli:

1) Wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fl-Ewwel Kap illi
Fl-erbatax (14) ta' Dicembru, elfejn u wiehed (2001) u fit-tmien xhur ta' qabel Joseph Borg iltaqa ma' John Sultana w bejniethom ftehmu li jimportaw klandestinament f'Malta kwantita' ta' kokajina, droga perikoluza, sabiex ibieghuha w jittraffikawha f'Malta. Bejniethom huma qablu u ftehmu fuq, u ppjanaw il-mod kif iwettqu l-pjan taghhom.

In esekuzzjoni tal-pjan taghhom John Sultana, li kien akkwista d-droga barra minn Malta, halla l-istess droga fuq il-vapur tas-Sea Malta, Zebbug biex l-istess droga kokajina titiehed minn fuq il-vapur ghall-art minn Joseph Borg u dana fl-14 ta' Dicembru, 2001 filghodu. Illi l-Pulizija li kienu qed isegwu lil din il-persuna, arrestawha w sabulha fil-pussess taghha madwar zewg kilos kokajina li kienet ghada kif tnizzlet minn fuq il-vapur mill-istess Joseph Borg.

Illi Joseph Borg accetta li jikkollabora mal-Pulizija biex jinqabad ghal min kienet d-droga w fl-istess gurnata wara nofsinhar hu rega ltaqgha ma' John Sultana l-Gzira fejn saret konsenja kontrollata ta' zewg pakketti w hlas ta' flus lill-Borg minn Sultana tas-servizzi tieghu. Illi John Sultana wkoll ammetta l-involviment tieghu w issemmew diversi persuni ohra li kienu nvoluti.

Illi b'ghemilhom l-imsemmija Joseph Borg u John Sultana saru hatja talli assocjaw ruhom ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta w barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmija Joseph Borg u John Sultana, hatja talli assocjaw ruhhom ma xi persuna jew persuni ohra f'Malta w barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), jew ippromovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w illi huma jigu kkundnannati ghal piena ta' prigunerija ghal ghomorhom, u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija, w l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuni hekk

misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 13, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(A)(i)(3A)(d), u 26 ta' l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

2) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubbblika ta' Malta, ppremetta fit-Tieni Kap, illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap ta' l-Att tal-Akkuza w cioe' fl-14 ta' Dicembru, 2001 u fit-tmien xhur precedenti Joseph Borg u John Sultana ftehmnu li jimportaw f'Malta ammont ta' droga kokajina llegalment.

Illi fil-fatt fl-istess gurnata w cioe' fl-14 ta' Dicembru, 2001 Joseph Borg ikkonsenja madwar zewg kilos kokajina lil John Sultana li kien ghadu kif nizzel illegalment minn fuq il-vapur Zebbug, li ftit qabel kien ghadu kif wasal minn barra minn Malta.

Illi b'ghemilhom l-imsemmija Joseph Borg u John Sultana saru hatja talli importaw, gieghelu li tigi mportata jew ghamlu xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (kokaina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellhomx licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Joseph Borg u John Sultana hatja talli mportaw, gieghelu li tigi mportata jew ghamlu xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (kokaina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellhomx licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w illi huma jigu kkundannati ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomorhom u multa ta’ mhux inqas minn elf lira Maltija izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 14(1)95), 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d), u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 17(b), 23, 31, 49, 50, 20, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

3) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tielet Kap, illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi indikati fl-ewwel u t-tieni Kapi tal-Att tal-Akkuza u cioe’ fl-14 ta’ Dicembru, 2001 u fit-tmien xhur ta’ qabel Joseph Borg u John Sultana, ftehemu li jimportaw u jittrafikaw d-droga kokajina f’Malta. Illi huma importaw illegalment l-istess droga f’Malta u fl-14 ta’ Dicembru, 2001. Joseph Borg thallas minn John Sultana is-somma ta’ tlett telef lira (Lm3000) tal-istess droga meta dan intaqghu il-Gzira. Illi l-istess droga kienet intiza biex tigi traffikata f’Malta bi profitt kbir illegalment.

Id-droga kokajina msemmija hija droga specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Illi l-imsemmija Joseph Borg u John Sultana la kellhom licenzja mill-President ta’ Malta ghall-eghmil taghhom u anqas kienu awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jfornu d-droga msemmija. Inoltre Joseph Bugeja u John Sultana ma kienux fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u ma kellhomx licenzja u anqas kienu xort’ohra awtorizzati li jimmanifattura jew li jfornu d-droga msemmija. L-istess Joseph Borg u John Sultana ma kellhomx licenzja li jipprokuraw l-istess droga.

Illi b'eghmilhom, l-imsemmija Joseph Borg u John Sultana saru hatja talli fornew jew ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw d-droga kokajina specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordianza dwar-il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellhom licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jfornu d-droga msemmija u minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kelhom licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatura jew li jfornu d-droga msemmija u minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Joseph Borg u John Sultana hatja talli ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw d-droga kokajina specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellhom licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghal-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jfornu d-droga msemmija u minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellhom licenzja jew xort'ohra awtiorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija u minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u li jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomorhom u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50, 000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuni

hekk misjuba hatja, anke jekk tali flus u propjeta' tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, propjeta' mobbli jew propjeta immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikioluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

4) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fir-Raba Kap, illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi indikati fl-ewwel tlett Kapi tal-Att tal-Akkuza u cioe' fl-14 ta' Dicembru, 2001 u fit-tmien xhur ta' qabel Joseph Borg u John Sultana kellhom fil-pussess taghhom d-droga kokajina illegalment u dan bil-hsieb li jbieghu l-istess droga u mhux ghall uzu esklussiv taghhom.

Illi d-droga kokaina hija droga specifikata fl-ewwel skeda mal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u l-imsemmija Joseph Borg u John Sultana ma kellhomx awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza msemmija u ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifaturaw jew ifornu dik id-droga. Anqas kienu b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u anqas kienu awtorizzati mill-President ta' Malta li jkollhom id-drogi fil-pussess taghhom.

Illi b'eghmilhom, l-imsemmija Joseph Borg u John Sultana saru hatja talli kellhom fil-pussess taghhom d-droga kokaina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija u ma kienux

b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienux awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall uzu esklussiv taghhom.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Joseph Borg u John Sultana hatja talli kellhom fil-pussess taghhom d-droga kokaina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienux awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom;
Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u li huma jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomorhom u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50, 000) u l-konfiska ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9,10(1), 12, 14(1)(5),20,22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

5) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fil-Hames Kap, illi xi zmien fis-sajf tal-

elfejn u wiehed (2001) Joseph Borg kien iltaqa ma John Sultana li kien passigier fuq il-vapur MV Zebbug u dan talbu biex inizzillu pakkett bir-raza tal-cannabis. Illi fil-fatt Joseph Borg dahhal l-istess pakkett Malta. Illi dan il-pakkett tal-crisps bid-droga raza tal-cannabis tah lill-Sultana u dan tah mitt lira (Lm100) tieghu. Illi din id-droga kienet intiza biex tigi traffikata Malta illegalment.

Ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis hija medicina perikoluza ikkontrollata bil-ligi taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, u ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni, forniment u pussess tad-droga perikoluza msemmija.

Joseph Borg ghalhekk irrenda ruhu hati wkoll tar-reat ta’ traffikar fil-medicina perikoluza raza mehuda mill-pjanta cannabis.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Joseph Borg hati talli forna, ipprokura jew offra li jforni li jipprokura d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis specifikat fit-Tielet Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga;

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi ikkundanat ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomru u multa ta’ mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50, 000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull

flejjes jew propjeta' mobbli u immobli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(b), 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikioluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tingahta skond kif jigi iddikjarat hati l-akkuzat.

6) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fis-Sitt Kap, illi f'xi zmien qabel l-14 ta' Dicembru 2001 u partikolarment fit-tmien xhur ta' qabel John Sultana kien akkwista u importa ammont ta' droga eroina illegalment gewwa Malta. Illi l-ammont kien jkun ta' madwar ghoxrin gramma kull darba.

Illi b'ghemilu John Sultana sar hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awwtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi John Sultana, hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awwtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm 1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10, 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 ta' l-

Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-msemmija akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tal-15 ta' Lulju, 2004, l-akkuzati, mistoqsija jekk humiex hatja skond l-Att tal-Akkuza, wiegbu billi stqarru li huma kienu hatja tar-reati hemm dedotti kontra taghhom;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w tathom ftit taz-zmien biex jergghu lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzati baqghu jtennu t-twegiba li huma kienu hatja

Tiddikjara ghalhekk lil **Joseph Borg** hati talli :-
1.Fl-14 ta' Dicembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) u fit-tmin xhur ta' qabel assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f' Malta u barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh, jew jittraffika medicina f'dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) , jew ippromwova, ikkostittwixxa , organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni u dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza;
2. talli fl-istess zmien importa , gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (kokaina) f' Malta bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza imsemmija w dan skond it-tieni kap ta' l-Att tal-Akkuza ;
3. talli fl-istess zmien, f'Malta, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga imsemmija u minghajr

ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, w dan skond it-tielet kap ta’ l-Att tal-Akkuza.
4.talli fl-istess zmien, f’ Malta, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina li ghaliha tapplika t-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) , meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b’ xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN/292/39) jew b’ xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provvdut fir-regolamenti msemmija, b’ dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu , w dan skond ir-raba’ kap tal-Att ta’ l-Akkuza; u
5. talli f’xi zmien fis-sajf tal-elfejn u wiehed (2001), f’ Malta, forna, ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga raza mehuda mil-pjanta cannabis specifikat fit-Tielet Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan skond il-hames kap ta’ l-Att tal-Akkuza .

Ukoll tiddikjara ghalhekk lil **John Sultana** hati talli :-
1.Fl-14 ta' Dicembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) u fit-tmin xhur ta' qabel assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f' Malta u barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh, jew jittraffika medicina f'dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) , jew ippromwova, ikkostittwixxa , organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni u dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza;
2. talli fl-istess zmien importa , gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (kokaina) f' Malta bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza imsemmija w dan skond it-tieni kap ta' l-Att tal-Akkuza ;
3. talli fl-istess zmien, f' Malta, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga imsemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, w dan skond it-tielet kap ta' l-Att tal-Akkuza.
4.talli fl-istess zmien, f' Malta, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina li ghaliha tapplika t-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) , meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar medicini Perikoluzi (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b' xi mod iehor

bil-licenzja mill-President ta’ Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN/292/39) jew b’ xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provvdut fir-regolamenti msemmija, b’ dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu , w dan skond ir-raba’ kap tal-Att ta’ l-Akkuza; u

5. talli f’xi zmien f’xi zmien qabel l-14 ta’ Dicembru , 2001 , importa , gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (heroijina) f’ Malta bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe’ meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oggett , u dan skond is-sitt Kap tal-Att tal-Akkuza.

Semghet ix-xhieda ta’ Suptratendent Neil Harrison, tat-Tabiba Marlene Attard, Mario Delceppo, Frank Fenech u Mario Gatt, u l-akkuzat John Sultana;

Rat il-fedina penali aggornata tal-hatja esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza taghhom seduta stante;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri w tal-abbli prosekutur dwar il-piena;

Qieset is-sottomissjonijiet **kollha** tad-difiza, li jinsabu registrati w senjatament <u>imma mhux biss</u> dawn li gejjin u cioe’ illi kien hemm diversi ragunijiet f’dan il-kaz partikolari biex din il-Qorti tkun tista’ tezercita d-diskrezzjoni fl-ghoti tal-piena li taghtiha l-ligi fl-artikolu 492 (1) tal-Kap. 9 u fl-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kap.101. Fost dawn kien hemm, fil-kaz tal-hati Borg l-ammissjoni bikrija li ghalih kien applikabbli l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 – kif anki qablet il-Prosekuzzjoni -;

Li kien wera koperazzjoni totali mal-Pulizija u kien kixef mall-ewwel li hu ma kienx persuna kriminali izda gie ittantat dak il-mument u waqa’ ghat-tentazzjoni ta’ l-offerta

u l-involviment tieghu fl-operazzjoni kien wiehed "de minimis";
U fil-kaz tal-hati Sultana li hu kkopera mal-Pulizija u kixef xi persuni f'Malta u anki xehed kontra terzi;
Li hu kien biss il-"middle man" fl-operazzjoni;
Li hu kien dipendenti mid-droga;
Li dejjem kien hadem bhala truck driver u kellu paga tajba u li ghalhekk il-piena kellha tkun ghalhekk vicin l-ghaxar snin u l-multa vicin il-minimu taghha.

Qieset is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur li hawn si trattava ta' organizzazzjoni fi tlett livelli, fejn kien hemm min kien qed jiffinanzja, min qed jorganizza u min kien courier.

Il-hati Sultana kien l-intermedjarju li sahansitra mar l-Olanda u gab mieghu zewg kilos droga kokaina. Borg jista' jkun li kellu rwol minuri izda dan ha vantagg mill-posizzjoni li hu kellu fl-impieg tieghu mas-Sea Malta biex nizzel id-droga l-art minn abbord. Ghalhekk fil-kaz ta' Borg il-minimu tal-piena kellu jkun ta' tnax il-sena prigunerija

Ikkonsidrat

Li ghalkemm il-piena ghar-reati kollha ammessi mill-hatja hija dik ta' ghomor il-habs, l-Artikolu 492 (1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi meta f'xi stadju qabel jigi ffurmat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu w ghal fatt li jigi ammess mill-akkuzat ikun hemm stabbilita l-piena ghal prigunerija ghall-ghomor, il-Qorti tista', minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tmintax il-sena sa tletin sena;

Illi inoltre skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kap.101, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta' tal-hatja, il-kondotta ta' qabel tal-hatja , il-kwantita' tal-medicina w x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat , il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f' kazijiet bhal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien

ta'mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira.

Illi qieset li skond l-artikolu 22 (3A)(d) tal-Kap.101, meta reat kontra dik l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet hatja jkun xi wiehed mir-reati msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 24A, il-Qorti **GHANDHA** tassattivament , b'zieda ma kull piena ohra fis-sentenza , fuq talba tal-prosekuzzjoni, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli jew immobbli tal-persuna hekk misjuba hatja wkoll jekk il-proprjeta' immobbli minn meta jkun gie akkuzat tkun ghaddiet ghand terzi persuni , salv umbaghad il-procedura specjali b'rikors taht l-artikolu 22C tal-kap.101, sabiex – *b'azzjoni separata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili* – tinkiseb dikjarazzjoni li xi proprjeta' jew kull proprjeta' mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dhul mill-eghmil ta' xi reat taht dik l-Ordinanza lanqas proprjeta' akkwistata jew miksuba , direttament jew indirettament , minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk.

Illi raguni ewlenija li adduciet id-difiza biex il-piena tigi mitigata fir-rigward kienet il-fatt li l-hatja ammettew .

Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri"** [5.7.2002], l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem , jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament , tissarraf f' riduzzjoni fil-piena.

Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**" , [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran relattiv mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) li jigbor fih il-prassi tal-Qrati Inglizi fir-rigward u li gie citat u addottat ripetutament mill-Qrati taghna;

Ikkonsidrat ;

Qieset ukoll, li r-reati taht l-ewwel, it-tieni u r-raba kapi tal-Att tal-Akkuza servew bhala mezz biex isir ir-reat taht it-tielet kap tal-Att ta' l-Akkuza w ghalhekk, ghall-fini tal-piena ghandha tinghata l-piena ghal reat minnhom biss a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 .

Qieset li fil-waqt li l-hati Borg ghandu kondotta nadifa , il-hati Sultana kien diga' instab hati darbtejn ohra fuq pussess tad-droga erojina.

Mill-banda l-ohra pero' din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li f'dan il-kaz si trattava ta' kwantita' ta' 1941.2 grammi Kokajina ta' purita' ta' circa 88% (fol.213 tal-process) fil-kaz taz-zewg hatja , apparti li l-hati Borg kien involut ukoll fi taffikar ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis u l-hati Sultana kien ukoll involut fl-importazzjoni ta' erojina. Qieset ukoll li d-delitti ammessi mill-hatja qed ikun ta' pjaga kbira ghas-socjeta' Maltija w ta' kawza ta' rovina tal-hajja ta' tant persuni, partikolarment zaghzagh , li qed jinhakmu mill-vizzju tad-droga biex minn fuq darhom l-importaturi w traffikanti tad-droga jaghmlu qliegh kbir ta' flus .

Ghaldaqstant , il-Qorti ,wara li rat l-artikoli 8 (b) , 9, 10(1), 12, 14 (1) (5) , 15A, 20, 22 (1) (a) (f) (1A) (1B), (2) (2) (a) (i)(aa) (ii) (b) (i) (A)(i) (3A) (d), 26 u 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), r-regoli 4(a), 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikluzi (G.N.2 92/1939) u l-artikoli 17 (b) (h) , 23, 31, 492 (1) u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-hati **Joseph Borg** ghall-piena ta' tlettax (13) il-sena prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati hawn minnu ammessi - u ghall-multa ta' ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000) , li jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum jigu konvertiti fi tnax (12) il-xahar prigunerija skond il-ligi , kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' mitejn wiehed u

erbghin lira u hamsa w hamsin centezmu (LM241.55c) rapprezentanti nofs (1/2) tal-ispejjez tal-perizji inkorsi f' dan il-process, i.e. LM483.10c. u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ; u tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati ;

Tikkundanna lill-hati **John Sultana** ghall-piena ta' erbatax (14) il-sena prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati hawn minnu ammessi - u ghall-multa ta' tnejn u ghoxrin elf lira Maltin (LM22,000), li jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum jigu konvertiti fi tnax (12) il-xahar prigunerija skond il-ligi , kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' mitejn u wiehed u erbghin lira u hamsa w hamsin centezmu (LM241.55c) rapprezentanti nofs (1/2) tal-ispejjez tal-perizji inkorsi f' dan il-process, i.e. LM483.10c) u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ; u tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w imobbli tal-hati;

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti , li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-hatja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------